MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Numru 221/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond D'Anastas)**

**vs**

**JESMOND CUSCHIERI**

**Illum 20 ta' April, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jesmond Cuschieri ta' 39 sena bin Carmelo u Mary Anne nata Tanti imwieled Pieta fl 20 ta' Jannar 1965 u residenti 'JesPhy' Triq il-Kurkanta Haz-Zebbug detentur ta' ID card numru 72665M gie akkuzat:

Talli f'Haz-Zebbug fil-25 ta' Frar 2004 ghall-habta tal-Hdax ta' filghaxija; attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe kontra PC 1315, PC 532 u WPC 39 filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap 9;

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuni indikati aktar 'il fuq liema persuni huma nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dak is-servizz jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap 9;

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PC 1315 u PC 532 u dan skond kif iccertifika it-Tabib David Fenech MD ta' 'Health Center' il-Furjana;

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix il-hames Mitt Lira Maltin imma hija izjed minn Hamsin Lira Maltin u dan ghad-dannu tal-Gvern Malti u li liema hsara saret fuq vettura numru GVP 394 u fuq uniformi ta' PC 1315;

U fl-ahhar ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu mus minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u li qal kliem fahxi u dagha fil-pubbliku.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. RD3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat ammetta l-akkuzi u skuza ruhu ma’ PC 1315, PC 532 u WPC 39 prezenti fl-Awla.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur ddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Inoltre innutat li fl-istess Verbal l-Ufficjal Prosekutur ddikjara wkoll li b’referenza ghar-raba’ akkuza, il-hsara sofferta ghad-danni tal-Gvern ta’ Malta hi ta’ Lm135.08.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 31, 95, 96, 221(1), 325(1)(b) u l-ahhar Proviso tal-istess sub-artikolu 325(1), 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 u l-artikoli 13(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jesmond Cuschieri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li l-imputat fis-Seduta ta’ llum skuza ruhu ma’ PC 1315, PC 532 u WPC 39 prezenti fl-Awla, u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Jesmond Cuschieri ghall-piena komplessiva ta’ sena prigunerija u mija u sebghin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm170.08) multa u dan inkwantu ghal mija hamsa u tletin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm135.08) bhala multa ekwivalenti ghad-danni sofferti mill-Gvern ta’ Malta u tordna li din is-Sentenza inkwantu ghall-piena ta’ prigunerija m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn millum l-imputat Jesmond Cuschieri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jesmond Cuschieri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------